IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru23 (tlieta u għoxrin) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 20 ta' April, 2026, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Kunsillier | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**23.1. Item Nru 23.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

23.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.39pm u l-Kunsill irċieva ittra ta' Apoloġija mingħand is-Sinjura Antonia Buttigieg. Kulħadd qabel li tkun skużata.

**23.2. Item Nru. 23.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

23.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u kien hemm il-ħtieġa li ssir korrezzjoni f'minuta 22.4.3 u tiżdied "għaliex qed tistenna ittra mil-Kunsill". Wara din il-korrezzjoni il-Minuti ġew approvati unanimament.

**23.3 Item Nru. 23.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.3.1 Is-Sindku tkellem rigawrd is-solar lights u qal li dil-ġimgħa għandu jibda ix-xogħol tal-bricks mil-kuntrattur tal-*Public Works.*

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2381832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Is-Sindku reġa fakkar li ser nibqgħu ninsistu li għandu jsir bid-dawl solari ix-xatt kollu. Kif iffirmajna fl-MOU. Huwa qal li tkellem ukoll mas-Sur Sandro Craus u dan ikkonfermalu li iva ix-xatt kollu. Il-kumplament mhux ser isir għalissa żgur minħabba s-Sajf u jista' jkun ta' inkonvenjent għar-residenti.

23.3.2 Is-Sindku qal li ser napplikaw għal fondi taħt skema biex intejbu proġetti eżistenti tal-Gvern. Valur ta' madwar €30,000 u l-Kunsill qabel sabiex naħdmu fuq BOQ għal paddle court.

Is-Sindku tkellem ukoll fuq skema oħra b'valur massimu ta' €100,000 u qal li ser inġibu stima bil-perit sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal proġett tar-riġenerazzjoni tal-club house li issa tinsab devoluta l-Kunsill.

Kulħadd qabel ma' dawn il-proposti.

23.3.3 Is-Sindku qal li bdejna l-proġett tal-komunita ffinanzjat mil-LESA biex jiġu nstallati CCTV. S'issa waħħalna tlieta b'sistema solari f'Dawret ix-Xatt. Oħrajn ser jitwaħħlu fi Triq l-Ispnott, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Triq Karmelo Ritchie, Triq Carmelo Penza.

23.3.4 Is-Sindku qal li fejn il-Milord max-xatt ser inġibu stimi sabiex jiġi rranġat il-parapett u jinbidel ir-railing bil-fondi li ser inġibuhom mid-DLG. Hu kompla u qal li hemm ukoll il-problema tal-periklu li jinsab fih il-bini miftuħ u mitluq li hemm bħalissa fejn diġà tkellem mal-Lands dwarha u ser ikollna aktar informazzjoni sal-laqgħa li jmiss.

**23.4 Item Nru 23.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

23.4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mil-Kunsilliera.

**23.5 Item Nru. 23.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

23.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-mitkub.

**23.6 Item Nru. 23.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

23.6.1 Il-Vici Sindku ippreżenta tokens u affarijiet li ser ikunu preżentati mid-delegazzjoni Maltija li sejra l-Ungerija.

**23.7 Item Nru. 23.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

IX-XGHAJRA

23.7.1 Pagamenti b'numru 22 ġew approvati unanimament.

**23.8 Item Nru. 23.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

23.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**23.9 Item Nru. 23.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

23.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-5.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju fl-4.30pm.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR181810 – Malta
Tel: 2381832618
E-Mail xghajra.lc@gov.mt